**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 13**

It-Tnejn, 20 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.

L-Onor. Alex Muscat ippreseda *ai termini* tal-Mozzjoni 44.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli* u s-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto, l-Onor. Cressida Galea u l-Onor. Bernard Grech kienu skużati.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, ~~il-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli~~*, il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia u l-Onor. Deborah Schembri kienu assenti.

* *Vide Minuti tas-Seduta 15 – 22.07.2026*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 12 li saret fil-15 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Onor. Alex Muscat qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 220 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Mario Padovani et vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fit-28 ta' Frar 2023 u dik tal-appell fil-Qorti Kostituzzjonali datata 13 ta' Lulju 2026 (Rikors Nru 204/21/1 JVC) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 221 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Martin Frederick Attard vs l-Avukat tal-Istat et deċiża fis-27 ta' Ġunju 2024 u dik tal-appell fil-Qorti Kostituzzjonali datata 13 ta' Lulju 2026 (Rikors Nru 123/2022/1 JVC) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 222 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Stephen Abela et vs Anna Debattista et deċiża fit-8 ta' Ottubru 2025 u dik tal-appell fil-Qorti Kostituzzjonali datata 13 ta' Lulju 2026 (Rikors Nru 265/24/1 LM) mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 82 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU

L-Onor. Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja għal rapport li deher fuq is-sit online *Lovin Malta* li kien jikkwota informazzjoni meħuda minn risposta għal mistoqsija parlamentari dwar blue disability badges foloz, mingħajr ma saret referenza għall-Membru Parlamentari li kien għamel dik il-mistoqsija parlamentari.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Graziella Galea qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 223 Artiklu li deher fuq is-sit online *Lovin Malta* dwar blue disability badges foloz.

L-Onor. Alex Muscat ħa nota tal-punt imqajjem mill-Onor. Graziella Galea u indika li s-Sedja kienet se tagħti direzzjoni f'seduta ulterjuri.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L.224 Avviż Legali Nru 200 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-17 ta' Lulju 2026 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 10, 17(a) u 30 tal-Att tal-2026 li jemenda Diversi Liġijiet fir-Rigward tal-Awtonomija Personali (Att Nru XIII tal-2026) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

P.L. 225 Avviż Legali Nru 201 tal-2026 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li stabbilixxa s-17 ta' Lulju 2026 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 8 u 12 u t-Taqsima IX tal-Att tal-2026 dwar il-Protezzjoni ta' Adulti f'Sitwazzjonijiet ta' Vulnerabbiltà (Att Nru XIV tal-2026) (Kap. 659) għandhom jidħlu fis-seħħ.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 226 Tabelli li juru tagħrif dwar faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-Istat u s-sena li fiha nbnew jew saru l-aħħar xogħlijiet ta' manutenzjoni jew tisbiħ sostanzjali, maqsuma għal kull skola fi ħdan id-diversi kulleġġi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1453;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 227 Avviż Legali Nru 202 tal-2026 – Indiċi tal-Prezzijiet dwar Proprjetà Immobbli;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 228 Screenshot ta' paġna mis-sit elettroniku tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) bl-isem "Short-Let Rented Accommodation" b'referenza għall-obbligi ta' min jopera jew jamministra akkomodazzjoni turistika, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1754;

f'isem il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 229 Avviż Legali Nru 198 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li jfittxu l-Ażil; u

P.L. 230 Avviż Legali Nru 199 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra

P.L. 231 Rapport annwali tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2025; u

P.L. 232 Stqarrijiet finanzjarji tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2025.

## AĠĠORNAMENT TAL-KAMRA TAĦT L-ORDNI PERMANENTI NRU 13

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq mozzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti b'mod immedjat il-qtugħ ripetut tal-provvista tal-elettriku f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni ssottometta dikjarazzjoni bil-miktub dwar dan lill-Ispeaker.

Il-Whip tal-Gvern informat lill-Kamra li l-Gvern kien lest li, minkejja li l-materja li kienet qed tintalab diskussjoni dwarha ma kenitx ta' natura urġenti kif jitlob l-Ordni Permanenti 13, issir diskussjoni dwarha f'dik is-seduta stess.

Fl-4.37 p.m. is-seduta kienet sospiża sabiex jintlaħaq ftehim dwar kif kellha tipproċedi d-diskussjoni.

Fl-4.59 p.m. is-seduta rriżumiet.

## FTEHIM TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern informat lill-Kamra li, bi qbil bejn iż-żewġ naħat, il-Kamra kellha tgħaddi għal diskussjoni mingħajr vot dwar is-sitwazzjoni tal-qtugħ tal-provvista tal-elettriku. Il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun sa massimu ta' siegħa għal kull naħa, bil-ftuħ ikun minn kelliema tal-Oppożizzjoni u l-għeluq min-naħa tal-Gvern.

## DISKUSSJONI ĠENERALI MINGĦAJR VOT DWAR QTUGĦ RIPETUT TAL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU F'DIVERSI LOKALITAJIET

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Miriam Dalli.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Darren Carabott qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 233 Dokument bl-isem "Feedback by the Malta Chamber – Malta's Energy Shift: A Sustainable Power Transition" ippreżentat mill-Malta Chamber lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika fit-28 ta' Mejju 2026; u

P.L. 234 Stqarrija bl-isem "Energy Priorities – We need to get it right" maħruġa mill-Malta Chamber of SMEs fit-13 ta' Awwissu 2020.

Fis-6.27 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMPANIJI – MOZZJONI 45**

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ipproponiet l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386" inqara l-ewwel darba.

**ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-INTRAPRIŻA SOĊJALI – MOZZJONI 46**

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ipproponiet l-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali, Kap. 630" inqara l-ewwel darba.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Alex Muscat informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) ta' artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra li se ssir it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026, l-Onor. Fleur Abela kellha tissostitwixxi lill-Onor. Ian Borg.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-6.27 p.m. il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta Tieni Qari

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva | Tieni Qari |
| Indirizz b’risposta għad-Diskors tal-President ta’ Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta’ Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Jobsplus għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2026 | Votazzjoni |

-----------------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. John Grech.

Fis-6.37 p.m. l-Onor. Alex Muscat avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 21 ta’ Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**